*-mandat t'inibizzjoni*

*-intimat ma jweġibx*

MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Digriet Kamerali tal- 5 t'Awwissu 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 825/2019GM

Ryan Muscat (K.I. nru. 539691(M)) u
Charlene Muscat (K.I. nru. 257289(M))

vs

Mario Attard (K.I. nru. 137376(M))

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2019 minn Ryan Muscat u Charlene Muscat (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), li permezz tiegħu talbu il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra Mario Attard (minn issa 'l quddiem imsejjħin "l-intimat") biex tinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jitrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* jew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari dik elenkata fl-istess rikors;

Rat id-digriet tagħha tal-istess data li permezz tiegħu laqgħet ir-rikors proviżorjament, tat lill-intimata żmien għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-11 ta' Lulju 2019;

Rat illi l-intimat ġie notifikat fit-18 ta' Lulju 2019;

Rat ma ppreżentax risposta u ma deherx fl-udjenza tat-30 ta' Lulju 2019;

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti għażlu li jitolbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, li il-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);

Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet**"[1];

Illi minn dawn il-kliem testwali tal-liġi, jirriżulta li huma dawn iż-żewġ elementi li l-leġislatur irid li jiġu sodisfatti għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni – xejn iżjed u xejn inqas;

Illi r-rikorrenti issodisfa ż-żewġ elementi suċċitati;

Rat li għaddew għaxart ijiem minn meta l-intimat ġie notifikat u li għalhekk fin-nuqqas ta' oppożizzjoni l-Qorti tista' tilqa' t-talba (Art. 875(1) KOPĊ);

Għal dawn il-motivi:

Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Gunju 2019 li permezz tiegħu laqgħet it-talba proviżorjament;

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur tagħhom.

Spejjeż a karigu tal-intimat.

---

[1] Art 873(3) KOPĊ

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA